VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L 2/03/2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Bye-Laws tal-2014 dwar l-Użu tal-*Confetti* u Materjali Oħra f'Avvenimenti ġewwa L-Imdina (Kunsill Lokali L-Imdina)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali L-Imdina għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2014 dwar l-Użu tal-*Confetti* u Materjali Oħra f'Avvenimenti ġewwa L-Imdina (Kunsill Lokali L-Imdina).

Tifsir

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser dik il-persuna li tapplika lill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet tal-*bye-law* 3;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"*confetti*" tfisser biċċiet żgħar ta' karti jew materjali oħra;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali L-Imdina;

"materjali oħra" tfisser kull sustanza ta' kwalunkwe forma u natura.

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' *confetti* u materjali oħra f'avvenimenti ġewwa L-Imdina.

3.1 Bla ħsara għal kull permess, awtorizzazzjoni, jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi, ebda persuna ma tista' titfa' *confetti* jew materjali oħra waqt kwalunkwe avveniment fil-lokalità ta' L-Imdina, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kunsill.

3.2 Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata wara applikazzjoni li ssir lill-Kunsill għal dan il-għan bil-miktub.

Penali.

4. Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-*bye-law* 3 jew xi kondizzjonijiiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa tal-imsemmija *bye-law* teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravenzjoni.

Ir-responsabbiltà tal-Kunsill għat-tindif.

5. Il-Kunsill ikollu r-responsabbiltà li jnaddaf il-*confetti* jew materjali oħra li jiġu wżat mingħajr l-awtorizzazzjoni jew bi ksur ta' xi kondizzjoni imposta mill-Kunsill u dan bi spejjeż għall-persuna li tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.